L-Università ta' Malta

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**
**2022 MAIN SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Ethics** |
| PAPER NUMBER: | IIA |
| DATE: | 9th May 2022 |
| TIME: | 9:00 a.m. to 11:05 a.m. |

This paper carries 40% of the global mark of the exam. You can answer **EITHER** in Maltese **OR** in English.

## SECTION A

**Answer Question 1 and Question 2. Read the text and answer ALL the questions. Each question carries 20 marks.**

1.



*(Source: https://en.wikipedia.org/wiki/Greta_Thunberg)*

### Greta Thunberg: a teen role model

Greta Thunberg is a young environmentalist from Sweden who has become popular for her commitment and achievements in the fight against global climate change.

Not only has she become a role model for bringing attention towards the need to save the planet, but she has also been an advocate for mental health issues. Thunberg has been open about her Asperger's syndrome. *"I have Asperger's syndrome and that means I'm sometimes a bit different from the norm. And — given the right circumstances — being different is a superpower."* This is what she wrote in her official Instagram after people started calling her out on her disorder. Despite this, she never gave up. She continued her persistent battle against climate change. She has faced many opponents, challenged the biggest influencers, and addressed world leaders at a United Nations conference. She has inspired millions of young people to join her strikes for climate change, and received support from leaders for her environmental work.

Thunberg has received numerous honours and awards including the Time Magazine Person of the Year, making her the youngest person to ever receive this, and was nominated for the Nobel Peace Prize in 2019, 2020, and 2021.

*Based on: (https://en.wikipedia.org/wiki/Greta_Thunberg)*

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

a. What are the good qualities you see in Greta Thunberg that make her a role model? Explain why these qualities are important. Answer in about 40 words. (5)
b. Greta Thunberg is seen as a role model by millions of followers around the world. This carries certain moral responsibilities for her. What does it mean to be morally responsible, and in what ways are role models morally responsible for their actions and behaviour? Answer in about 40 words. (5)
c. Greta Thunberg identifies Malala Yousafzai, another young activist, as her role model. Discuss how role models influence our personal growth. Write your answer in about 40 words. (5)
d. Greta Thunberg is seen as a character filled with moral courage, and she stands strong by her principles. Explain the importance of these concepts for a person to leave a mark. (5)

**(Total: 20 marks)**

2.



*(Source: https://thebullyshield.com/bullying-and-self-esteem)*

**Charlotte's Story**

While walking down the school corridor, Charlotte could feel her arms starting to hurt by the heavy pile of books she was carrying. She was working on a school project, but since no one wanted to pair up with her, she ended up working on it alone. As she walked closer to the hall, she started feeling dizzy. The books were very heavy to carry, and she was worried that she was going to slip, drop everything and make a fool of herself.

One of the pupils from her class saw her carrying these heavy books and decided to spill some water on the floor. Charlotte, took one more step and slipped and fell to the ground. Everyone in the hall started laughing at her.

Panicked, Charlotte ran out of the school. On that day, she told her parents that she needed to move schools because she would not be returning back to her school.

*(Adapted from: (https://thebullyshield.com/bullying-and-self-esteem)*

a. Charlotte's story is a case of bullying. Explain why bullying is morally unacceptable. (5)
b. Why are both Charlotte and the bully harmed by the act of bullying? Explain in about 40 words. (5)
c. Why is it always important to show support and care for others, especially if they are in a difficult situation like Charlotte was in? (5)
d. Improving oneself (self-improvement) is one possible way to deal with incidents of bullying. Discuss ways of how one can improve oneself to overcome obstacles and achieve success in life. Write your answer in about 40 words. (5)

**(Total: 20 marks)**

**SECTION B**

**Answer any TWO of the following four questions by writing an essay of about 250 words on each question. Each question carries 30 marks.**

3. Explain why over-sharing on social media is wrong. In your answer, discuss the difference between information that can be shared publicly, and information that should be kept private.

4. Aristotle argues that the most important quality to achieve happiness is to have a good moral character. Discuss.

5. What are the ethical arguments in favour and against making euthanasia legal?

6. Discuss the ethical arguments related to animal rights.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Etika** |
| KARTA NUMRU: | IIA |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2022 |
| ĦIN: | 9:00 a.m. sal-11:05 a.m. |

Din il-karta għandha 40% tal-marka globali tal-eżami. Tista' twieġeb **JEW** bil-Malti **JEW** bl-Ingliż.

**TAQSIMA A**

**Wieġeb l-ewwel Mistoqsija u t-tieni Mistoqsija. Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA. Kull mistoqsija għandha 20 marka.**

1.



*(Sors: https://en.wikipedia.org/wiki/Greta_Thunberg)*

**Greta Thunberg: żagħżugħa eżemplari**

Greta Thunberg hija ambjentalista Svediża żagħżugħa li saret popolari għall-impenn u l-kisbiet tagħha fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima globali.

Greta mhux biss saret mudell eżemplari biex tiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa li ssalva d-dinja, iżda kienet ukoll sostenitriċi fuq kwistjonijiet ta' saħħa mentali. Thunberg kienet fetħet qalbha dwar il-kundizzjoni tagħha l-'Asperger's syndrome'. *"Għandi l-kundizzjoni tal-Asperger u din tfisser li xi kultant inkun daqsxejn differenti min-norma. U meta wieħed jikkonsidra kollox, f' xi waqtiet li nkun differenti huwa poter speċjali."* Hekk kitbet fuq l-Instagram uffiċjali tagħha wara li n-nies bdew jiġbdu l-attenzjoni fuq il-kundizzjoni tagħha. Minkejja dan, hija qatt ma qatgħet qalbha iżda kompliet il-ġlieda persistenti tagħha kontra t-tibdil fil-klima. Greta ffaċċjat ħafna avversarji, sfidat l-akbar 'influencers', u indirizzat direttament lill-mexxejja minn madwar id-dinja f'konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti. Hija ispirat miljuni ta' żgħażagħ biex jingħaqdu mal-ġlidiet tagħha għat-tibdil fil-klima, u rċeviet appoġġ mill-mexxejja għall-ħidma ambjentali tagħha.

Thunberg irċeviet bosta unuri u premjijiet inkluż il-premju tal-Persuna tas-Sena tal-'Magazine Time', b'hekk saret l-iżgħar persuna li qatt irċeviet dan, u kienet innominata għall-Premju Nobel għall-Paċi fl-2019, 2020, u 2021.

*Ibbażat fuq: (https://en.wikipedia.org/wiki/Greta_Thunberg)*

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

a. X'inhuma l-kwalitajiet tajbin li tara fi Greta Thunberg li jagħmluha żagħżugħa eżemplari? Spjega għaliex dawn il-kwalitajiet huma importanti. Wieġeb f'madwar 40 kelma. (5)
b. Greta Thunberg hija meqjusa bħala żagħżugħa eżemplari minn miljuni ta' segwaċi minn madwar id-dinja. B'konsegwenza li hi ġġorr ċerti responsabbiltajiet morali. Xi jfisser li tkun moralment responsabbli u b'liema modi persuni eżemplari huma moralment responsabbli għall-azzjonijiet u l-imġieba tagħhom? Wieġeb f'madwar 40 kelma. (5)
ċ. Greta Thunberg tidentifika lil Malala Yousafzai li hija attivista żagħżugħa oħra, bħala persuna eżemplari għaliha. Iddiskuti kif nies eżemplari jinfluwenzaw it-trawwim personali tagħna. Ikteb it-tweġiba tiegħek f'madwar 40 kelma. (5)
d. Greta Thunberg hija meqjusa bħala karattru ta' kuraġġ morali u li żżomm mal-prinċipji tagħha. Spjega l-importanza ta' dawn il-kunċetti sabiex persuna tħalli impatt. (5)

**(Total: 20 marka)**

2.



*(Sors: https://thebullyshield.com/bullying-and-self-esteem)*

**L-Istorja ta' Charlotte**

Waqt li kienet miexja mal-kuritur tal-iskola, Charlotte setgħet tħoss dirgħajha jweġġgħuha minħabba l-munzell kbir ta' kotba li kienet qed iġorr. Kienet qed taħdem fuq proġett tal-iskola, iżda peress li ħadd ma ried jingħaqad magħha, spiċċat taħdem waħedha. Hekk kif resqet eqreb lejn is-sala, bdiet tħossha sturduta. Il-kotba kienu tqal ħafna biex iġorrhom, u kienet inkwetata li kienet se tiżloq, twaqqa' kollox u taqa' għaċ-ċajt.

Waħda mill-istudenti mill-klassi tagħha ratha ġġorr dawn il-kotba tqal u ddeċidiet li tferra ftit ilma mal-art. Charlotte malli ħadet pass ieħor żelqet u waqgħet. Kull min kien hemm fis-sala beda jidħak biha.

F'mument ta' paniku Charlotte telqet tiġri mill-iskola. Kien dakinhar li qalet lill-ġenituri tagħha li kellha bżonn tibdel l-iskola għax qatt aktar ma kienet se terġa' tmur lura l-iskola fejn kienet.

*Adattata minn: (https://thebullyshield.com/bullying-and-self-esteem)*

a. L-istorja ta' Charlotte turi każ ta' bullying. Spjega għaliex il-bullying huwa moralment inaċċettabbli. (5)
b. Għaliex kemm Charlotte u l-'bully' huma imweġġgħin mill-att tal-bullying? Spjega f'madwar 40 kelma. (5)
ċ. Għaliex huwa dejjem importanti li nuru appoġġ u rispett lejn ħaddieħor, speċjalment jekk ikunu f'sitwazzjoni diffiċli bħalma kienet fiha Charlotte? (5)
d. Li wieħed itejjeb lilu innifsu huwa mod wieħed ta' kif jista' jaġixxi f'sitwazzjoni ta' bullying. Iddiskuti modi ta' kif wieħed jista' jtejjeb lilu nnifsu sabiex jegħleb id-diffikultajiet u jikseb suċċess fil-ħajja. Ikteb it-tweġiba tiegħek f'madwar 40 kelma. (5)

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B**

**Wieġeb TNEJN li trid mill-erba' mistoqsijiet li ġejjin billi tikteb komponiment ta' madwar 250 kelma fuq kull mistoqsija. Kull mistoqsija għandha 30 marka.**

3. Spjega għaliex it-tixrid żejjed fuq il-midja soċjali huwa ħażin. Fit-tweġiba tiegħek, iddiskuti d-differenza bejn l-informazzjoni li tista' tiġi mxerda pubblikament u l-informazzjoni, li għandha tibqa' privata.

4. Aristotile jargumenta li l-aktar kwalità importanti sabiex tinkiseb il-kuntentizza fil-ħajja hija li jkollok karattru morali tajjeb. Iddiskuti.

5. X'inhuma l-argumenti etiċi favur u kontra li l-ewtanasja ssir legali?

6. Iddiskuti l-argumenti etiċi relatati mad-drittijiet tal-annimali.

L-Università ta' Malta

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**
**2022 MAIN SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Ethics** |
| PAPER NUMBER: | IIB |
| DATE: | 9th May 2022 |
| TIME: | 9:00 a.m. to 11:05 a.m. |

This paper carries 40% of the global mark of the exam. You can answer **EITHER** in Maltese **OR** in English.

**Section A**

**Answer Question 1 and Question 2. Read the text and answer ALL the questions. Each question carries 20 marks.**

1.



*(Source: https://en.wikipedia.org/wiki/Greta_Thunberg)*

**Greta Thunberg: a teen role model**

Greta Thunberg is a young environmentalist from Sweden who has become popular for her commitment and achievements in the fight against global climate change.

Not only has she become a role model for bringing attention towards the need to save the planet, but she has also been an advocate for mental health issues. Thunberg has been open about her Asperger's syndrome. *"I have Asperger's syndrome and that means I'm sometimes a bit different from the norm. And — given the right circumstances — being different is a superpower."* This is what she wrote in her official Instagram after people started calling her out on her disorder. Despite this, she never gave up. She continued her persistent battle against climate change. She has faced many opponents, challenged the biggest influencers, and addressed world leaders at a United Nations conference. She has inspired millions of young people to join her strikes for climate change, and received support from leaders for her environmental work.

Thunberg has received numerous honours and awards including the Time Magazine Person of the Year, making her the youngest person to ever receive this, and was nominated for the Nobel Peace Prize in 2019, 2020, and 2021.

*Based on: (https://en.wikipedia.org/wiki/Greta_Thunberg)*

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

a. List **FIVE** good qualities that you see in Greta Thunberg. (5)
b. Why do the qualities in question (a) make Greta Thunberg a good role model? Explain your answer in around 40 words? (5)
c. Why are good role models important in our lives? How do they help us become better persons? Write your answer in about 40 words. (5)
d. Greta Thunberg identifies Malala Yousafzai, another young woman, as her role model. Identify your personal role model and explain why this role model is a positive one and how they inspire you to live in an ethical way. Write your reflection in about 40 words. (5)

**(Total: 20 marks)**

2.



*(Source: https://thebullyshield.com/bullying-and-self-esteem)*

**Charlotte's Story**

While walking down the school corridor, Charlotte could feel her arms starting to hurt by the heavy pile of books she was carrying. She was working on a school project, but since no one wanted to pair up with her, she ended up working on it alone. As she walked closer to the hall, she started feeling dizzy. The books were very heavy to carry, and she was worried that she was going to slip, drop everything and make a fool of herself.

One of the pupils from her class saw her carrying these heavy books and decided to spill some water on the floor. Charlotte, took one more step and slipped and fell to the ground. Everyone in the hall started laughing at her.

Panicked, Charlotte ran out of the school. On that day, she told her parents that she needed to move schools because she would not be returning back to her school.

*(Adapted from: (https://thebullyshield.com/bullying-and-self-esteem)*

a. Define self-esteem. (2)
b. How do you think Charlotte's self-esteem is affected after this bullying incident? (3)
c. Explain why Charlotte's school mates should have helped her instead of laughing at her. (5)
d. Explain how caring for oneself is important to protect yourself from experiences that cause low self-esteem, like bullying. Write your answer in about 40 words. (10)

**(Total: 20 marks)**

## Section B

**Answer any TWO of the following four questions by writing an essay of about 250 words on each question. Each question carries 30 marks.**

3. a. Mention **TWO** things that should be kept private and should not be shared on social media. Give reasons for your answers. (15)
   b. Explain **THREE** dangers of over-sharing on social media. (15)
   **(Total: 30 marks)**

4. a. What does it mean to have a good moral character? (5)
   b. Do you agree that having a good moral character is essential for achieving happiness? (15)
   c. What is the difference between pleasure and happiness? (10)
   **(Total: 30 marks)**

5. a. Explain **TWO** ethical arguments in favour of euthanasia. (10)
   b. Explain **TWO** ethical arguments against euthanasia. (10)
   c. Explain the doctrine of sanctity of life. (10)
   **(Total: 30 marks)**

6. a. Define animal rights. (5)
   b. Give **TWO** examples of when animals are not treated with respect. (5)
   c. What does it mean to treat animals with care? Explain your answer. (10)
   d. Why is caring for animals a sign of love and not of selfishness? Explain your answer. (10)
   **(Total: 30 marks)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Etika** |
| KARTA NUMRU: | IIB |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2022 |
| ĦIN: | 9:00 a.m. sal-11:05 a.m. |

Din il-karta għandha 40% tal-marka globali tal-eżami. Tista' twieġeb **JEW** bil-Malti **JEW** bl-Ingliż.

**TAQSIMA A**

**Wieġeb l-ewwel Mistoqsija u t-tieni Mistoqsija. Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA. Kull mistoqsija għandha 20 marka.**

1.



*(Sors: https://en.wikipedia.org/wiki/Greta_Thunberg)*

**Greta Thunberg: żagħżugħa eżemplari**

Greta Thunberg hija ambjentalista Svediża żagħżugħa li saret popolari għall-impenn u l-kisbiet tagħha fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima globali.

Greta mhux biss saret mudell eżemplari biex tiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa li ssalva d-dinja, iżda kienet ukoll sostenitriċi fuq kwistjonijiet ta' saħħa mentali. Thunberg kienet fetħet qalbha dwar il-kundizzjoni tagħha l-'Asperger's syndrome'. *"Għandi l-kundizzjoni tal-Asperger u din tfisser li xi kultant inkun daqsxejn differenti min-norma. U meta wieħed jikkonsidra kollox, f' xi waqtiet li nkun differenti huwa poter speċjali."* Hekk kitbet fuq l-Instagram uffiċjali tagħha wara li n-nies bdew jiġbdu l-attenzjoni fuq il-kundizzjoni tagħha. Minkejja dan, hija qatt ma qatgħet qalbha iżda kompliet il-ġlieda persistenti tagħha kontra t-tibdil fil-klima. Greta ffaċċjat ħafna avversarji, sfidat l-akbar 'influencers', u indirizzat direttament lill-mexxejja minn madwar id-dinja f'konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti. Hija ispirat miljuni ta' żgħażagħ biex jingħaqdu mal-ġlidiet tagħha għat-tibdil fil-klima, u rċeviet appoġġ mill-mexxejja għall-ħidma ambjentali tagħha.

Thunberg irċeviet bosta unuri u premjijiet inkluż il-premju tal-Persuna tas-Sena tal-'Magazine Time', b'hekk saret l-iżgħar persuna li qatt irċeviet dan, u kienet innominata għall-Premju Nobel għall-Paċi fl-2019, 2020, u 2021.

*Ibbażat fuq: (https://en.wikipedia.org/wiki/Greta_Thunberg)*

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

a. Semmi **ĦAMES** kwalitajiet tajbin li tara f'Greta Thunberg. (5)
b. Għaliex il-kwalitajiet imsemmija fil-mistoqsija (a) jagħmlu lil Greta Thunberg żagħżugħa eżemplari? Spjega t-tweġiba tiegħek f'madwar 40 kelma? (5)
ċ. Għaliex huma importanti persuni eżemplari f'ħajjitna? Kif jgħinuna nsiru persuni aħjar? Ikteb it-tweġiba tiegħek f'madwar 40 kelma. (5)
d. Greta Thunberg tidentifika lil Malala Yousafzai, mara żagħżugħa oħra, bħala persuna eżemplari għaliha. Identifika persuna eżemplari għalik u spjega għaliex din il-persuna hija waħda pożittiva u kif tispirak biex tgħix b'mod etiku. Ikteb ir-riflessjoni tiegħek f'madwar 40 kelma. (5)

**(Total: 20 marka)**

2.



*(Sors: https://thebullyshield.com/bullying-and-self-esteem)*

**L-Istorja ta' Charlotte**

Waqt li kienet miexja mal-kuritur tal-iskola, Charlotte setgħet tħoss dirgħajha jweġġgħuha minħabba l-munzell kbir ta' kotba li kienet qed iġorr. Kienet qed taħdem fuq proġett tal-iskola, iżda peress li ħadd ma ried jingħaqad magħha, spiċċat taħdem waħedha. Hekk kif resqet eqreb lejn is-sala, bdiet tħossha sturduta. Il-kotba kienu tqal ħafna biex iġorrhom, u kienet inkwetata li kienet se tiżloq, twaqqa' kollox u taqa' għaċ-ċajt.

Waħda mill-istudenti mill-klassi tagħha ratha ġġorr dawn il-kotba tqal u ddeċidiet li tferra ftit ilma mal-art. Charlotte malli ħadet pass ieħor żelqet u waqgħet. Kull min kien hemm fis-sala beda jidħak biha.

F'mument ta' paniku Charlotte telqet tiġri mill-iskola. Kien dakinhar li qalet lill-ġenituri tagħha li kellha bżonn tibdel l-iskola għax qatt aktar ma kienet se terġa' tmur lura l-iskola fejn kienet.

*Adattata minn: (https://thebullyshield.com/bullying-and-self-esteem)*

a. Iddefinixxi 'self-esteem'. (2)
b. Kif taħseb li s-self-esteem ta' Charlotte ġie affettwat wara dan l-inċident ta' bullying? (3)
ċ. Spjega għalfejn sħab Charlotte kellhom jgħinuha minflok jidħku biha. (5)
d. Spjega għaliex huwa importanti li tieħu ħsieb lilek innifsek sabiex tipproteġi lilek innifsek minn esperjenzi li jikkawżaw 'self-esteem' baxx, bħalma hu l-bullying. Ikteb it-tweġiba tiegħek f'madwar 40 kelma. (10)

**(Total: 20 marka)**

**Taqsima B**

**Wieġeb TNEJN li trid mill-erba' mistoqsijiet li ġejjin billi tikteb komponiment ta' madwar 250 kelma fuq kull mistoqsija. Kull mistoqsija għandha 30 marka.**

3. a. Semmi **ŻEWĠ** affarijiet li għandhom jinżammu privati u m'għandhomx jiġu mxerda fuq il-midja soċjali. Agħti raġunijiet għat-tweġibiet tiegħek. (15)
   b. Spjega **TLIET** perikli ta' tixrid żejjed ta' informazzjoni fuq il-midja soċjali. (15)

**(Total: 30 marka)**

4. a. Xi jfisser li jkollok karattru morali tajjeb? (5)
   b. Taqbel li karattru morali tajjeb huwa essenzjali sabiex tikseb il-kuntentizza fil-ħajja? (15)
   ċ. X'inhi d-differenza bejn il-pjaċir u l-kuntentizza? (10)

**(Total: 30 marka)**

5. a. Spjega **ŻEWĠ** argumenti etiċi favur l-ewtanasja. (10)
   b. Spjega **ŻEWĠ** argumenti etiċi kontra l-ewtanasja. (10)
   ċ. Spjega d-duttrina tal-qdusija tal-ħajja. (10)

**(Total: 30 marka)**

6. a. Iddefinixxi drittijiet tal-annimali. (5)
   b. Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' meta l-annimali ma jiġux trattati b'rispett. (5)
   ċ. Xi tfisser li tittratta l-annimali b'attenzjoni? Spjega t-tweġiba tiegħek. (10)
   d. Għaliex il-kura tal-annimali hija sinjal ta' mħabba u mhux ta' egoiżmu? Spjega t-tweġiba tiegħek. (10)

**(Total: 30 marka)**